## 5 ta' Lulju, 1994

**Imħallef:-**

## Onor. Vincent DeGaetano LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Francis Micallef

## Nuqqas ta' Talba għas-Sospensjoni ta' l-Esekuzzjoni tas-Sentenza - Nullità tar-Rikors ta' Appell

*In-nuqqas ta' talba għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tammonta għal akkwijixxjenza, liema akkwijixxjenza hi in konflitt mal-volontà li wieħed jappella.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Francis Micallef;

*Omissis*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-14 ta' Frar, 1994;

*Omissis*;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Francis Micallef ppresentat fil-21 ta' Frar, 1994;

*Omissis*:

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi (senjatament lil Victor Grech, li llum hu l-iskrivan inkarigat mill-awla li minnha ħarġet is-sentenza appellata, sabiex jesibixxi fotokopja tal-*prime note* tal-kawża in kwistjoni, u lill-istess appellant sabiex jixhed dwar il-"partikolaritajiet . . . . . umanitarji" minnu indikati fir-rikors ta' appell tiegħu) u t-trattazzjoni ta' l-avukati tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 1994 l-Avukata tar-Repubblika Dr. Anna Mallia eċċepiet in-nullità tar-rikors ta' l-appell *stante* li mill-atti ma kienx jirriżulta li l-appellant talab is-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza quddiem l-ewwel Qorti. Bla preġudizzju għal din l-eċċezzjoni il-Qorti ordnat li tiġi eżibita' kopja awtentikata tal-*prime note* ta' l-14 ta' Frar, 1994 li kienu jirrigwardaw din il-kawża. Dan sar fl-10 ta' Ġunju, 1994, meta xehed, kif intqal, Victor Grech, li eżibixxa fotokopja awtentikata ta' dawn il-*prime note*. F'din l-aħħar seduta, xehed ukoll minn jeddu l-appellant fuq il-kwistjoni tal-piena. L-ewwel li trid tiġi deċiża hi l-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali;

2. Kwantu għan-nullità u l-konsegwenti irritwalità ta' l-appell minħabba l-mankanza tat-talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-Kodiċi Kriminali jidher li l-ġurisprudenza pparifikat tali mankanza ma' l-akkwijixxjenza, liema akkwijixxjenza hija in konflitt mal-volontà li wieħed jappella (ara **Il-Pulizija v.Moses Bugeja u**

**Edward Grech**, App. Krim. 28/1/94; **Il-Pulizija v. Franġisk Borg**, 18/1/41, Vol. XXXI. IV. 391; **Il-Pulizija v. Alfred Ancilleri u John Cauchi**, App. Krim. 10/12/92; **Il-Pulizija v. Mario Mifsud**, App. Krim. 5/5/94). Fil-każ odjern ma jirriżultax li ntalbet dina s-sospensjoni, ċirkostanza li l-appellant anqas ipprova jikkontesta fid-depożizzjoni tiegħu;

3. Għal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tilqa l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali dwar in-nullità tar-rikors ta' l-appell, minħabba li ma ntalbitx is-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza quddiem l-ewwel Qorti, tiddikjara l-appell null u bla effett u f'dan is-sens tiċħdu. Jiġi rilevat għal kull buon fini, però, li proprju għax ma ntalbitx is-sospensjoni imsemmija, il-perijodu ta' skwalifika ta' sena mill-liċenzji kollha tas-sewqan beda jiddekorri mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti u ċjoè mill-14 ta' Frar ta' din is-sena.